# 5. Ġewwa l-Buskett

Qed jonfoħ il-grigal bil-qawwa kollha;
is-siġar qed jixxejru b'ħafna ħsejjes …
ħsejjes ta' wied ta' l-ilma minn ġol-qasab,
tisfir ġol-arżnu,

U ħsejjes ta' ċarċara fil-ballut u l-qastan,
u karba fil-ħarrub, tqanqila kbira
ġol-awrikarji, daħka twila twila
qalb iż-żebbuġ …

Inħossni f'kattidral; iz-zkuk tas-siġar
nistħajjel bħal kolonni fil-korsija,
u qiegħed nisma' orgni u qatgħa kbira
ta' nies qed tkanta,

U fuq it-tasti twal ta' l-orgni għoli
iġġerri s-swaba sbieħ Ommna n-Natura,
b'rasha tixxengel 'l hawn u 'l hemm mar-ritmu,
fid-daqq mitlufa!